**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 29**

**Data: 29 ta' Lulju, 2021**

**Hin: 08.44am**

**Post: Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb**

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

**AGENDA**

29.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;

29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

29.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera;

29.5 Korrispondenza u Rapporti;

29.6 Jum l-Gharb 2021;

29.7 Xogholijiet fuq il-progett gnien San Dimitri;

29.8 Applikazzjonijiet Transport Malta;

29.9 *Refurbishment – Sports Complex*

29.10 Materji ohra;

29.11 Skeda ta' Pagamenti;

29.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

**29.1 Qari tal-ittri ta' apologiji**

29.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apologiji.

**29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

29.2.1 Il-Minuti gew approvati

**29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.3.1 Is-Sindku qal li ta' kull sena l-Kunsill jghin lill-familji li ghandhom tfal li jattendu l-iskola primarja fejn joffrilhom pakkett stationery. Huwa spjega li kien inhareg l-avviz sabiex dawn ikunu jistghu jirregistraw l-interess taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jimxi bhas-snin precedenti.

29.3.2 Is-Sindku qal li fil-laqgha precedenti kienet giet diskussa l-iskema tar-Regjun ghall-ghajnuna ghal-librerija fejn il-Kunsill ikun jista' jgawdi minn €3500. Gie suggerit li l-Kunsill japplika ghal xiri ta' xkaffar gdid. Il-Kunsill gie infurmat li ghal dan il-ghan kienu ingabru tlett kwotazzjonijiet. Is-Sindku talab li jigi skuzat mil-laqgha peress li wahda minn dawn il-kwotazzjonijiet kien minn supplier li huwa JISTA ghandu interess personali. Ghaldaqstant huwa hareg mil-laqgha u talab lil Vici Sindku sabiex jippresiedi bil-laqgha. Il-Vici Sindku kompla jmexxi l-laqgha u gew diskussi t-tlett offerti fejn il-Kunsill qabel li ghandha tinghata lill-irhas offerta li kienet tammonta ghal €4,500. Is-Sindku rega' ssejjah lura ghal-laqgha fejn kompla jmexxi l-laqgha.

29.3.3 Is-Sindku nforma lill-membri li s-Sur Angelo Cauchi kien qed jitlob li jidhol ghal-laqgha sabiex jitkellem mall-membri. Ghaldaqstant is-Sur Cauchi dahal ghal-laqgha. Is-Sindku stieden lis-Sur Cauchi jitkellem dwar is-suggerimenti tieghu:

Is-Sur Cauchi beda billi qal li fit-triq Triq Trux kien hemm tlett parkings riservati ghal persuni b'dizabilita' fejn kien hemm minnhom li ma kienx suppost li jibqghu

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

hemm. Huwa qal li hemm bzonn li d-double yellow lines jitnaqqsu minhabba li hemm nuqqas kbir ta' parking fit-triq. Fuq din in-nota s-Sindku qal li l-problema ta' parking tezisiti mhux biss f'din it-triq imma madwar il-lokaita' kollha. Is-sur Cauchi qal li kien hemm ukoll min ihalli l-karozza quddiem il-garage tieghu. Huwa kompla jghid bil-problemi li hemm fiz-zona ta' parkegg u bl-entraturi ghal gol garaxxijiet fejn huwa minnu li jinbieghu appartamenti wehidhom minghajr garaxxijiet. Is-Sindku qal li zdiedu l-problemi anke minhabba zieda fil-B&B's fil-lokalita'. Tqajjmet diskussi ukoll li min ghandu d-disabled parking qed jokkupa zewg parkeggi peress u dwar id-double yellow lines li hemm fil-kantuniera kif tibda' Triq Molina. Giet migbuda l-attenzjoni li dawn saru minhabba li sid il-post kien qed igarrab hsarat fil-gallerija tad-dar tieghu. Is-Sur Cauchi qal li din il-gallerija qeghda hemm kontra l-ligi. Gie innotat li jekk din qeghda kontra l-ligi hija responsabilita' tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar li tara u tmexxi fuqu. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li fuq iz-zona ta' Triq Trux il-parti t'isfel kif kien jaf is-Sur Cauchi kien hemm decizjoni minghand l-Ombudsman u ghaldaqstant wiehed ried jara x'kienu d-decizjonijiet qabel jittiehdu decizjonijiet. Huwa zied jghid li hemm zejjed jitnehha u li hemm nieqes isir f'dan il-kaz basta jkun skond id-decizjoni ta' l-Ombudsman. Is-Sur Cauchi staqsa jekk in-naha tax-xellug int u niezel jistax jitnaqqas id-double yellow line sabiex ikun jista' jigi inkluz parkegg iehor u bl-istess mod anke fejn il-garaxx tieghu u fejn il-bank li jista' jitnehha peress li dan qatt ma jintuza. Il-Vici Sindku staqsa lis-Sur Cauchi jekk jixtieqx il-loading / unloading sign. Huwa qal li ma jridx li ssir din it-tabella peress li hekk ikun qed jitnaqqas il-parking. Tkompliet id-diskussjoni fejn is-Sindku rringrazzja lis-Sur Cauchi tas-suggerimenti tieghu u huwa hareg mil-laqgha.

Is-Sindku qal li huwa jaqbel li jitnaqqsu s-sinjali sofor biex jinkludi iktar possibilita' ta' parkegg pero' dan jiddependi jekk ikunx ser ikun lok ta' periklu galadarba dan jitnehha. Miriam Borg issuggeriet li naraw li l-ghalaq li hemm fi Triq Trux f'nofs it-triq tistax tintuza ghall-parking-

29.3.4 Is-Sindku semma dwar it-tizjin tal-Milied fejn huwa qal li tajjeb li rridu naraw jekk jinxtrawx xi dekorazzjonijiet tal-Milied peress li bhalissa nkun ghadna fil-hin biex jinxtraw u jkunu hawn fil-hin. Huwa qal ukoll li apparti dan il-Christmas Tress tal-Pjazza ghandha l-weraq qed jitmermer minkejja li l-frame tas-sigra ghadu tajjeb. Huwa ssugerixxa li dan jista' jitranga jew bit-turf jew b'xi mod iehor. Miriam Borg issugerit li ninkludu l-adoloxxenti biex jaghtu l-idejat taghhom. Fuq da nil-punt is-Sindku ssugerixxa li tinhareg sejha li maghha jigi abbinat premju fejn huma stess jiehu hsieb jinstallawha qabel il-Milied u jzarmawha wara. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie ssugerit li din is-sigra titpogga fi Triq San Pietru u ghal Pjazza tigi installata wahda gdida. Miriam Borg issugeriet ukoll li jehel tizjin fi Pjazza Gerano. Tonio Mifsud qal li xi drabi ikun ahjar li tikri milli tixtri peress li tal-kiri jaghmlulhom manutenzjoni s-sena kollha. Huwa kompla jghid li bhal ma gew imqassma l-bniedar nistghu naghmlu xi haga simili pero' stilell li tehel mall-faccata. Is-Sindku qal li dawn ikunu jistghu jehlu u jittiehed ritratt bid-drone. Is-

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

Sindku ssugerixxa ukoll li jsir presepju fuq iz-zuntier tal-Knisja dejjem jekk l-Arcipriet jaqbel. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jara x'hemm fis-suq u din il-materja terga tigi diskussa.

29.3.5 Giet diskussa r-road hump ta' Triq Trux. Gie spjegat li l-Kunsill kien mexa skond it-talba tat-Transport Malta u ghamel survey mar-residenti fejn kien irrizulta li kien hemm tlieta favur u tlieta kontra. Is-Sindku qal li l-Kunsill irid jiddeciedi hu fejn huwa stess jaqbel li dan huwa necessaru. Is-Sindku spjega li din ir-road hump ser tghin fil-problema tas-sewqan eccessiv li qed isir f'dan il-post u l-problema ta' l-ilma. Giet diskussa din il-materja u l-Kunsill qabel unanimament li din ir-road hump ghandha tigi installata. Tonio Mifsud qal li sewwa li jkun hemm warden li jiccekkja minhabba s-sewqan eccessiv. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li mhux facli jekk ma jkunx hemm hin ezatt u ghaldaqstant il-Kunsill qabel li l-ewwel tigi installata r-road hump u naraw x'ezitu jkun hemm u jekk il-problema tippersisti din il-materja terga tigi diskussa. Sadanittant il-Kunsill qabel ukoll li galadarba l-Kunsill jircievi l-approvazzjoni minghand Transport Malta ghandu jixtri r-road hump u din tigi installata.

29.3.6 Is-Sindku semma l-progett WIfi4EU, liema progett kien applika ghalih il-Kunsill fl-2018 u gie awarded fl-2019. Dan il-progett kien qed jahdem fuqu sabiex jigi implimentat id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn kien inhargu diversi sejhiet u li issa din l-offerta' kienet giet mirbuha minn kumpanija. Dan il-progett irid jigi implimentata sal-15 ta' Settembru fejn ser jehlu diversi points sabiex joffru wifi madwar il-lokalita'. Is-Sindku ta dettalji tal-postijiet proposti. Huwa spjega li l-progett ser jipprovdi l-points filwaqt li l-Kunsill irid jipprovdi l-elettriku u s-servers. Huwa qal li fil-prezent il-kuntrattur kien qeighed jara fejn kull post propost liema l-ahjar kumpanija ta' l-internet ghandha l-ahjar servizz u li jkun hemm spiza ohra ta' €30 ghal kull sim card. Tkompliet id-diskussjoni fejn gie innotat li minkejja li s-servizz tad-dawl ghandha spiza ma' l-applikazzjoni l-konsum f'sena jkun madwar €40 fis-sena. Gie spjegat li fiz-zona ta' San Dimitri u Wied il-Mielah iridu jigu installati pannelli solari u arblu. Ma' dawn il-postijiet ser jigu installati ukoll ic-CCTV Cameras li ghalihom irid jintalab il-peress lid-Data Protection Commissioner. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni dwar din il-materja u qabel unanimament li ghandhu jipprocedi bl-implimentazzjoni ta' da nil-progett.

29.3.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar applikazzjonijiet segwenti li nhargu mir-Regjun: Applikazzjoni ghall-finanzjament ta' Progetti Skema Regjonali – Ambjent 2021. Giet spjegat li ghal din l-applikazzjoni l-Kunsill jista' jgwadi minn grant ta' €12,000 peress li l-Kunsill kien diga ha l-ammont ta' €3500 ghal progett ta' slow streets. Giet ghalhekk diskussa l-applikazzjoni u x'jista' jigi inkluz fl-applikazzjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jitlob ghall-fondi sabiex isir il-gnien fejn il-pinnur fi Triq San Dimitri li ghalih kien hemm diga l-permess tal-MEPA. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u qabel li ghandu ghalhekk japplika ghall-fondi taht l-iskema ta' l-Ambjent tar-Regjun. Fuq din in-nota Tonio Mifsud qal li jkun hemm diversi skemi

li sfortuntament ir-residenti ma jkunux jafu dwarhom minkejja li jigu ppublikati. Gie ghalhekk diskuss dwar x'seta' jsir u l-Kunsill qabel li ghandu jinforma lid-Direttur sabiex tinsab mezz kif il-Kunsill ikun infurmat halli jinforma lir-residenti.

Applikazzjoni ghall-fond kulturali – Il-Kunsill iddiskuta ukoll dwar din l-applikazzjoni miftuha fejn jidhlu attivitajiet kulturali. Is-Sindku ssugerixxa li ghal din l-applikazzjoni l-Kunsill jissottometti l-proposta tieghu sabiex jinghataw fondi fejn isir il-Busker Festival, din id-darba jekk ir-restrizzjonijiet tas-sahha jippermettu jkun fuq bazi akbar minn tas-sena l-ohra. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jissottometti l-proposta tieghu ghal din l-iskema.

29.3.8 Is-Sindku qal li l-latrina ta' Triq Trux ghandha bzonn ta' rinovazzjoni. Huwa Huwa qal li peress li din is-sena hafna mill-attivitajiet ma sarux minhabba l-Covid-19, minflok jistghu jsiru dawn ix-xogholijiet. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn ghandhom jintalbu stejjem minghand kuntratturi ghax-xoghol u l-materjal jinxtara direttament mill-Kunsill. Tonio Mifsud issugerixxa li jkun hemm 'Neutral' toilet. IL-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel li ghandu jkun hemm toilet ghall-persuni b'dizabilita' kemm fin-naha tan-nisa kif ukoll fin-naha ta' l-irgiel. Il-Kunsill qabel li ghandhom isiru dawn ix-xogholijiet.

29.3.9 Gew diskussi t-tqassim tal-maskri ghall-istagun li jmiss. Tonio Mifsud issugerixxa li jkun hemm maksri suwed jew xi kulur iehor. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qal li minkejja li l-abjad huwa kulur aktar igeniku ghandu jara x'kuluri hemm u qabel ukoll li dawn ghandhom jinxtraw.

29.3.10 Giet ipprezentata t-traffic management ta' wara l-Knisja fejn din giet spjegata lill-Kunsilliera. Il-Kunsill iddiskuta din il-materja u qabel li ghandha tigi implimentata skond il-pjanta.

**29.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

29.4.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**29.5 Korrispondenza u Rapporti**

29.5.1 Tonio Mifsud qal li fir-rigward ta' 'Slow Streets Project' jixtieq li ssir laqgha mall-perit u l-avukat tal-Kunsill sabiex jiddiskuti da nil-progett. Il-Kunsill qabel li ghandha tintalab li ssir din il-laqgha sabiex jigi diskuss dan il-progett.

29.5.2 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar:

PA/04531/21, PA/04677/21, PA/04681/21, PA/04684/2, PA/04960/21 u PA/04983/21

29.5.3 Giet trattata korrispondenza fir-rigward tal-kompetizzjonijiet tal-EMW. Is-Sindku

spjega li bhas-snin ta’ qabel hemm dawn il-kompetizzjonijiet. Dawn gew diskussi fejn fost ohrajn Joseph Mizzi ssugerixxa li ghal din is-sena terga’ tigi organizzata l-girja. Gew innotati l-punti u l-Kunsill qabel li ghandu jmexxi bl-applikazzjonijiet tieghu.

**29.6 Jum l-Gharb 2021**

29.6.1 Giet diskussa l-attivita’ ta’ Jum l-Gharb fejn is-Sindku stieden lill-Kunsilliera jaghtu s-suggerimenti taghhom ghan-nomini. Gew suggeriti s-segwenti:

- Ghal Premju Gharb, is-Sindku ssugerixxa lil Mario Camilleri Cauchi. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.
- Ghal Premju Personal Achievement is-Sindku ssugerixxa lil Sarah Ann Curmi. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.
- Ghal Premju Qlub Generuzi kienu ssugeriti Josephine Pace u Michael Bajada. Saret diskussjoni fejn gie innotat li Michael Bajada kien diga rebah premju u ghaldaqstant il-Kunsill li ghandu jinghata lil Josephine Pace.
- Ghal Premju Volontarjat Lokali kien ssugerit l-Kumitat ta’ l-Ghaqda 31 ta’ Mejju. Il-Kunsill qabel ma’ dan is-suggeriment.
- Ghal Premju Gharb Gozitan Cultural Award gie issugerrit Mark Lawrence Zammit u Anthony Spiteri. Saret diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jinghata lil Anthony Spiteri.

Is-Sindku ppropona sabiex ghal Jum l-Gharb jindaqq il-musical li kien inkiteb minn Lorraine Theuma u muzika ta’ Antoine Zammit. Huwa qal li dan jista’ jindaqq mill-Ghaqda Muzikali Vizitazzjoni bil-partecipazzjoni tal-kor tal-parrocca. Fuq dan il-Kunsill kien diga tkellem ma’ l-Arcipriet u huwa ma kienx sab ogezzjoni li l-Quddiesa tal-10am tkun organizzata ghal Jum l-Gharb u li tindaqq il-musical bis-sehem tal-kor. Joseph Mizzi ssugerixxa sabiex bhala compare ghal Jum l-Gharb ikun hemm xi hadd mill-Gharb stess. Ghal dan is-Sindku ssugerixxa lis-Sinjura Jolene Refalo filwaqt li l-Vici Sindku ssugerixxa lil Monica Zerafa. Il-Kunsill qabel li ghandu jigi organizzat kif issugerit mis-Sindku u li bhala compare ghandha tkun is-Sinjura Jolene Refalo galadarba din taccetta. Wara l-attivita’ gewwa l-Knisja l-Kunsill qabel li jkun hemm repo zghir fejn jitqassm l-ikel gewwa kaxxa u drink zghir.

**29.7 Xogholijiet fuq il-progett gnien San Dimitri**

29.7.1 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni fil-laqgha.

**29.8 Applikazzjonijiet Transport Malta**

29.8.1 Din il-materja giet diskussa aktar kmieni fil-laqgha.

**29.9 *Refurbishment – Sports Complex***

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |

29.9.1 Gie spjegat li fil-jiem li gejjin kien ser jigi kuntrattur sabiex jara kif jista’ jsir ix-xoghol biex jitnehha l-kontra bejt u jitrangaw il-public toilets. Gie spjegat ser issir ukoll laqgha mall-kumitat ta’ l-Gharb Rangers FC. Is-Sindku gibed l-attenzjoni ukoll li fil-kumpless kien dahal hafna drenagg kawza ta’ hsarat mill-Water Services Corporation. Sadanittant il-Kunsill kien qieghed jipprezenta il-claim quddiem il-korporazzjoni fejn kien ghad baqa’ pendenti anke dik tal-hsarat li ggarbu d-darba ta’ qabel. Gie innotat ukoll li l-membrane ried ukoll jitranga. Il-Vici Sindku ssugerixxa li jista’ jsir liquid membrane. Il-Kunsill innota li din tista’ tkun ideja u ghaldaqstant din ser tkun diskussa mall-kuntrattur. Gie spjegat li wara li jsiru dawn ix-xogholijiet irid jitpogga l-pavimentar mill-gdid. Joseph Mizzi staqsa jekk il-open air gym hux ser jitpogga fuq dan is-saqaf sabiex jekk hu l-kaz jigi nnotat waqt l-andament tax-xogholijiet sabiex kollox ikun lest ghat-tpoggija tieghu. Is-Sindku filwaqt li kkonferma li dan huwa l-post ippjanat qal li s’issa ghad m’hemm xejn peress li ghad iridu jigu moghtija l-fondi. Il-Kunsill kompla bid-diskussjoni fejn qabel unanimament li ghandhom isiru ix-xogholijiet ta’ manutenzjoni mehtiega.

**29.10 Materji ohra**

29.10.1 Joseph Mizzi indika bozza li tinsab fi Triq il-Knisja li qeghda tpetpet. Gie spjegat li fuq din il-bozza kien hemm diga rapport u qeghda tigi segwita biex tissewwa mill-iktar fis.

**29.11 Skeda ta’ Pagamenti**

29.11.1 L-Iskeda tal-pagementi giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**29.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

29.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 26 ta’ Awwissu, 2021 fit-8.30am.

29.12.2 Il-laqgha spiccat fil-10.48am.

Konfermati minn

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv